

# L-istorja tal-ilsien Malti

Luana Agius

L-ISTORJA TAL-ILSIEN MALTI

Bosta jsaqsu 'minn fejn ġej il-Malti?' Qabelxejn, huwa importanti li jingħad li aħna nitkellmu bil-Malti għax artna ġiet f'kuntatt ma' ilsna partikolari li ddeterminaw l-iżvilupp tal-lingwa tagħna.

IL-BIDU TAL-MALTI: L-ELEMENT GĦARBI

Il-preżenza tal-Għarab f'Malta tat bidu għall-proċess li wassal għat-tiswir tal-ilsien Malti. L-Għarbi li daħal f'Malta kien Għarbi djalettali ta' xejra Magrebina, jiġifieri dak mitkellem fl-Afrika ta' Fuq. Madankollu, l-Għarbi f'Malta kellu wkoll xi karatteristiċi li jixbhu lill-Għarbi mitkellem fil-Lvant Nofsani. L-Għarbi ta' Malta kien influwenzat ukoll mill-Berberu u xi lingwisti jsostnu li kliem bħal *bebbux* u *farfett* huwa ta' nisel Berberu. L-Għarbi li daħal f'Malta x'aktarx kien imnaqqax b'elementi ta' Latin u Grieg Biżantin, u b'hekk seta' diġà kien iħaddan xi kliem Romanz. Hawn min jgħid li kliem bħal *fellus* u *qattus* huwa kliem Latin li ġie Għarabizzat. Fl-1091 Malta għaddiet f'idejn in-Normanni taħt it-tmexxija tal-Konti Ruġġieru u l-Għarab tħallew joqogħdu Malta basta jħallsu t-taxxa. B'hekk, tul il-perjodu kollu Normann (1091–1194) Malta baqgħet Saraċena. Fl-1249 l-Imperatur Federiku II ordna li l-Musulmani kellhom jitilqu mill-artijiet kollha tiegħu, inkluż Malta.

L-EWWEL KUNTATTI MAR-ROMANZ: ID-DJALETT SQALLI

Kieku l-Malti ma tħallatx ma' ilsna oħra konna ngħidu li aħna nitħaddtu bl-Għarbi. Il-Malti sar Malti għax beda jassorbi elementi lingwistiċi minn ilsna oħrajn u sar lingwa indipendenti. Fi żmien l-Isvevi l-gżejjer Maltin ingħataw lill-kontijiet Ġenoviżi, u dan kien l-ewwel kuntatt sinifikanti mad-djaletti Romanzi. Kemm fi żmien in-Normanni kif ukoll fi żmien l-Isvevi, il-lingwa amministrattiva kienet il-Latin imħallat mal-Isqalli. Mis-seklu tlettax 'il quddiem, l-Isqalli beda jieħu post il-Latin fl-amministrazzjoni. B'hekk, l-ewwel kuntatt tal-Malti mar-Romanz kien mal-Isqalli u mhux mat-Taljan.

IT-TISĦIĦ TAR-ROMANZ: L-ELEMENT TALJAN

It-Toskan evolva bħala l-lingwa standard fl-Italja għax kien l-aktar wieħed qrib il-Latin klassiku. Bis-saħħa tal-immigrazzjoni t-Toskan

beda jidħol ukoll f'Malta. F'Malta t-Taljan rabba għeruq sodi fi żmien il-kavallieri peress li kien l-ilsien uffiċjali tal-Ordni. L-influwenza tat-Taljan fuq il-Malti seħħet ukoll mill-fatt li tul il-perjodu tal-kavallieri daħlu Malta bosta barranin biex jaħdmu hawn. Il-qofol tal-kuntatti mal-barranin seħħ fiż-żona tal-Port il-Kbir għax kien iċ-ċentru tal-kummerċ. Dan it-taħlit għen sabiex il-Malti jkompli jixrob mit-Taljan. Il-kuntatti mal-barranin fl-irħula kienu limitati, għalhekk, f'dawn il-postijiet il-Malti baqa' jippreserva aktar l-identità Semitika tiegħu. Madankollu, matul il-ħakma tal-kavallieri ħafna nies telqu mill-irħula biex imorru jaħdmu fl-ibliet ta' madwar il-port. L-ilsien Malti bil-mod il-mod beda jiddakkar aktar mill-element Romanz. B'hekk beda jissawwar l-Malti standard, dak li jitkellem kulħadd bih.

L-AĦĦAR SAFF TAL-MALTI: L-ELEMENT INGLIŻ

L-Ingliż dam ħafna ma rabba għeruq sodi f'pajjiżna, l-aktar minħabba r-reżistenza li sab mit-Taljan. Il-perjodu Ingliż nistgħu naqsmuh f'żewġ epoki – (a) mill-1800 sat-Tieni Gwerra Dinjija, meta l-influwenza tal-Ingliż kienet limitata ħafna u (b) mill-Gwerra 'l hawn, meta rajna invażjoni qawwija ta' kliem Ingliż fi lsienna. Fis-seklu għoxrin l-Ingliż f'Malta għamel passi ta' ġgant. L-Ingliż sar lingwa internazzjonali u għall-Maltin sar indispensabbli. Il-Malti u l-Ingliż mhumiex għedewwa, u fil-fatt neħtiġuhom it-tnejn.

N.B. L-informazzjoni hija meħuda minn kitba ta' Dr Mario Cassar.

